MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 353/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Castorina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fin-Naxxar, nhar it-13 ta’ Jannar, 2006, bejn id-disgha ta’ filghodu w t-tlieta ta’ wara nofs inhar

1. ikkommetta serq mill-fond Seaview, numru 23 sitwat fi Triq F.W. Ryan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u valur li jeccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Gemma Cassar Van Vuuren; (Art 261, 263(a), 265, 269(g) u 267 ta’ Kap 9).
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda hija izjed minn hamsin lira Maltin; (Art 325(1)(b) ta’ Kap 9).

3. Sar recidiv ai termini t' Artikoli 49, 50 u 289 (1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Joseph Cassar LL.D nhar 9 ta' Lulju 2003, liema sentenza saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279(b), 280, 281, 325(1)(b), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu w ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija.
B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant gie wkoll ikkundannat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija w sebghin Euro w erba' Euro centezmi (€170.04) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 t'Otturbu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabitu hati tar-reati addebiti, tvarja l-istess sentenza fejn din ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija w minflok tipprovdi ghall-piena aktar miti w idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu :-
1. illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva w mhux idoneja;
2. illi wara dan ir-reat l-appellant qabad it-triq it-tajba w irriforma ruhu w rega' integra ruhu pjenament fis-socjeta';
3. ili l-appellant m'ghandux kazi ohra pendenti quddiem il-Qrati;
4. illi l-appellant jiddikjara wkoll ili jekk jinghata l-opportunita', huwa lest li jidhol f'arrangament mad-derubat sabiex jirrikumpensah ta' hsara w telf li huwa ssubixxa kif

ser ikollu l-okkazzjoni jirrileva waqt it-trattazzjoni w smiegh ta’ dan l-appell.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tad-29 t’Ottubru, 2009 fejn l-abbli difensur tal-appellant rega’ tenna l-offerta tal-appellant li jhallas somma ta’ flus lill-parte civile biex jikkompensaha ghall-hsara li sofriet.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li bih l-appellant hallas lil Joseph Mary Cassar, li jigi missier il-parti leza, (li tinsab imsiefra minn dawn il-Gzejjer) in rapprezentanza ta’ bintu, s-somma ta’ € 3925, liema somma giet accetata mill-istess Joseph Mary Cassar bla pregudizzju ghal xi somma akbar li tista’ talvolta tkun dovuta.

Rat il-verbal li bih l-appellant irrikonoxxa li s-somma totali dovuta minnu lid-derubata hija ta’ €7850.

Ikkonsidrat,

Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999]**,** **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F’ dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi li sahansitra tipprovdi ghall-piena massima ta’ disgha snin prigunerija skond l-artikolu 279(b) u l-proviso tal-artikolu 280 ghall-ewwel imputazzjoni u dan bla ma jitqies il-konkors mat-tieni r-reat u xi zieda fil-piena diskrezzjonali bi grad iehor minhabba r-recidiva.

Illi umbaghad mill-fedina penali tal-appellant jidher li kemm ilu li gie Malta xi hmistax il-sena ilu, l-appellant issubixxa diversi kundanni mill-Qrati, fosthom ghal serq aggravat, tentattiv ta’ serq, hsara volontarja, w tlitt darbiet ta’ pussess tad-droga eroina w ta’ recidiva. Hu inghata aktar minn opportunita’ wahda mill-Qorti biex jirriforma

izda ghalxejn. Ghalhekk hu l-kaz li tigi applikata piena restrittiva tal-liberta' fil-kaz tieghu.

B'dana kollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi llum stess l-appellant hallas is-somma ta' € 3925 lill-parti leza biex jikkompensaha ghat-telf li sofriet. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dana ghandu jittiehed in konsiderazzjoni w ghandu jwassal ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b'dana li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet u l-addebitu tar-recidiva dedotti kontra tieghu w fejn ikkundannatu jhallas is-somma ta' €170.04 rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-hati ghal tlett snin prigunerija w minflok tikkundannah ghal sentejn u sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------